2023/2610

17.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/2610

tal-15 ta' Novembru 2023

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/661 (EUNAVFOR ATALANTA/3/2023)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(1) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sabiex jieħu d-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) (il-"Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE").

(2) Fl-20 ta' April 2021, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/661 ([2]) li taħtar lill-Viċi Ammirall José M. NÚÑEZ TORRENTE bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE mill-21 ta' April 2021.

(3) Fit-22 ta' Settembru 2023, l-awtoritajiet militari Spanjoli pproponew li l-Kontrammirall Ignacio VILLANUEVA SERRANO jieħu post il-Viċi Ammirall José M. NÚÑEZ TORRENTE bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE mit-23 ta' Novembru 2023.

(4) Fit-28 ta' Settembru 2023, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-proposta li jinħatar il-Kontrammirall Ignacio VILLANUEVA SERRANO bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.

(5) Fit-30 ta' Ottubru 2023, il-Kontrammirall Ignacio VILLANUEVA SERRANO ġie promoss għal Viċi Ammirall.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2021/661 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall Ignacio VILLANUEVA SERRANO huwa b'dan maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ATALANTA) mit-23 ta' Novembru 2023.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/661 hija b'dan imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mit-23 ta' Novembru 2023.

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2021/661 tal-20 ta' April 2021 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2021/87 (ATALANTA/3/2021) (ĠU L 140, 23.4.2021, p. 12).

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2023.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
D. PRONK